# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 33/2020**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Albert Camilleri**

Illum 14 ta' April 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellat **Albert Camilleri**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 19080(G), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

1. fuq talba ta' l-Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol ġie akkużat talli fil-kapaċita' tiegħu personali u/jew bħala operatur San Andrea Hotel, St. Simon Street, Xlendi u persuna li tħaddem nhar l-10 ta' Ottubru 2019 matul il-ġurnata u/jew fix-xhur ta' qabel naqas milli jħares is-saħħa

u sigurta' ta l-impjegati kif ukoll tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affetwati bix-xogħol li jkun qed isir u dan billi naqas milli jieħu l-passi neċessarji kollha sabiex jiġi evitat dannu fiżiku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xogħol u dan *ai termini* ta' Artikoli 6(1)(2) ta' l-Att 27/2000 (Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. fl-istess żminijet, lok u ċirkostanzi naqas li jagħmel jew li jiżgura li ssir, evalwazzjoni xierqa, suffiċjenti u sistematika tal-perikli għas-saħħa u s-sigurta' kollha li jistgħu jkunu preżenti fuq il-post tax-xogħol u r-riskji li jirriżultaw li jikkonċernaw I-aspetti kollha tal-attivita' tax-xogħol. Dawn l-evalwazzjonijiet għandhom jikkunsidraw ir-riskji għas-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiema u tal-persuni li jaħdmu għal rashom li għalihom ikunu esposti waqt ix-xogħol, inkluż dawk li jżuru l-post tax-xogħol, liema riskji jirriżultaw mix-xogħol imwettaq, jew in konnessjoni miegħu, jew mit-tmexxija tal-impriża u dan *ai termini* ta' Artikolu 10(1) ta' l-A.L. 36/03 (S.L. 424.18);

3. fl-istess żminijet, lok u ċirkostanzi bħala persuna li tħaddem ħames ħaddiema jew aktar, naqas milli jżomm fil-pussess tiegħu kopja bil-miktub jew li tista' tinkiseb b'mod elettroniku dawn l-evalwazzjonijiet, u li tiżgura li jkunu aġġornati regolarment u dan *ai termini* ta' Artikolu 10(2) ta' A.L. 36/03 (S.L. 424.18);

4. fl-istess żminijet, lok u ċirkostanzi bħala persuna li tħaddem naqas milli jiżgura li eżerċizzji kontra n-nirien jinżammu ta' spiss kif indikat mid-Direttorat tal-Protezzjoni Ċivili għal dak il-post tax-xogħol għall-anqas darba kull sitt xhur u jżomm notamenti ta' dawn il-provi u dan *ai termini* ta' Artikolu 9(15) ta' l-A.L. 44/02 (S.L. 424.15).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-5 ta' Frar 2020 fejn il-Qorti sabet lill-appellat ħati tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu u,

wara li rat l-Artikoli tal-liġi ndikati, ikkundannatu għal riprensjoni u ammonizzjoni.

Rat ir-Rikors tal-appell tal-Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol ippreżentat fil-11 ta' Frar 2020 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex: "*tirrevoka, tħassar u tannulla s-sentenza appellata tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-ħamsa (5) ta' Frar 2020 stante illi l-penali nflitta tmur taħt il-minimu stabilit mil-liġi u dan taħt dawk il-modalitajiet li jidhirlha xierqa u opportuni.*"

Rat ir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali ppreżentat fit-28 ta' Frar 2020 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: "***tirriforma*** *s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellat ħati tal-akkużi kollha dedotti kontrih, tgħaddi sabiex tirrevoka l-parti tas-sentenza konċernanti l-piena li ngħatat fil-konfront tal-appellat u tipprosegwi sabiex tinfliġġi piena li hija fil-parametri tal-liġi.*"

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi jibda billi jiġi nnutat li r-Rikors tal-Appell tal-Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol (Numru 34/2020) li ġie ppreżentat fil-11 ta' Frar 2020 ġie rtirat fl-1 ta' Frar 2021 (*a fol.* 60) b'dan illi b'digriet mogħti fit-2 ta' Frar 2021 (*a fol.* 61) din il-Qorti diversament preseduta astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.

Illi din is-sentenza tirrigwarda l-appell ippreżentat mill-appellant Avukat Ġenerali. Fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant jgħid li wara li l-Ewwel Qorti sabet lill-appellat ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu, hija ma setgħet qatt tagħżel illi tmur kontra dak li tiddisponi l-liġi u tipprefiġġi piena ferm aktar leġġera u ċioè dik ta' riprensjoni u ammonizzjoni. Fl-appell tiegħu, l-appellant jitlob li din il-Qorti tikkonferma s-sejbien ta' ħtija tal-appellat fir-rigward tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu u jitlob ukoll li din il-Qorti tirrevoka l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti biex minflok tinfliġġi piena li hija fil-parametri tal-liġi

Illi l-appellat ma appellax mis-sentenza tal-Ewwel Qorti u għaldaqstant il-fatt li hu ġie misjub ħati mill-Ewwel Qorti tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu ma huwiex kontestat.

Illi dak li jonqos li jsir huwa li din il-Qorti tevalwa dak li ġie lmentat mill-appellant Avukat Ġenerali fir-Rikors tal-appell tiegħu.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li fis-seduta miżmuma fil-5 ta' Frar 2020 (*a fol.* 2A) quddiem l-Ewwel Qorti ġie verbalizzat hekk: *"Semgħet li sar qbil bejn ir-rappreżentant tal-OHSA, il-Prosekuzzjoni u d-Difiża rigward il-piena li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat"*. Jirriżulta li l-Ewwel Qorti semgħet is-sottomissjonijiet finali u għaddiet biex tagħti s-sentenza tagħha fil-konfront tal-appellat billi sabitu ħati tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu u kkundannatu riprensjoni u ammonizzjoni.

Illi din il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-imputazzjonijiet li tagħhom l-appellat ġie misjub ħati mill-Ewwel Qorti u jirriżultalha l-piena relattiva temerġi minn Artikolu 38(3) tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:

> "Kull persuna li tagħmel xi reat kontra dan l-Att jew regolamenti magħmula taħt dan l-Att teħel, meta tinstab ħatja, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa ta' mhux inqas minn erba'

mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87), jew dik il-multa u priġunerija flimkien; [...].”

Illi għandu jiġi nnutat li minkejja dak mismugħ minn din il-Qorti kif preseduta fis-sottomissjonijiet magħmula quddiemha fl-20 ta' Marzu 2023, is-sentenza appellata fl-ebda mument ma tagħmel riferenza għal Artikolu 21 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u b'hekk ifisser li, tenut kont ta' dak li jiddisponi Artikolu 38(3) tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta u li ġie kkwotat hawn fuq, l-Ewwel Qorti ma kinitx korretta meta kkundannat lill-appellat għal riprensjoni u ammonizzjoni u dana minkejja li hemm imniżżel li kien hemm qbil bejn ir-rappreżentant tal-OHSA, il-Prosekuzzjoni u d-difiża rigward il-piena li kellha tiġi nflitta fil-konfront tal-appellat.

Illi apparti l-fatt li fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti fl-ebda mument ma għamlet riferenza għal Artikolu 21 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti bla ebda mod jirriżultawlha r-*"raġunijiet speċjali u straordinarji"* li kellhom jitniżżlu fis-sentenza appellata sabiex jiġi ġġustifikat li dik il-Qorti kienet ser tagħti piena taħt il-minimum.

Illi, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, isegwi li l-appell tal-appellant Avukat Ġenerali għandu jiġi milqugħ.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali billi filwaqt li:

- tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat ħati tal-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tiegħu;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellat għal riprensjoni u

ammonizzjoni u minflok tikkundanna lill-appellat għal ħlas ta' multa komplessiva ta' elf u erba' mitt Euro (€1400).

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Mary Jane Attard**
**Deputat Reġistratur**